MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2013

Numru 179/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Pulis)**
**(Spettur Carol Fabri)**

**vs.**

**Mario Zammit**
**Brian Fenech**
**omissis**
**omissis**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Mario Zammit,** ta' sitta u ghoxrin (26) sena, iben Sergio u Theresa neé Abela, imwieled Pietà`, nhar l-10 ta' Lulju, 1986, residenti gewwa Block J, Flat 5, Triq il-Ward,

Housing Estate, Zabbar u detentur tal-Karta ta' l-Identita' Numru 309586(M)

**Brian Fenech**, ta' tmienja u tletin (38) sena, iben Angelo u Maria Dolores neé Borg, imwieled Pietà, nhar it-18 ta' Ottubru, 1974, residenti gewwa Flat 3, Housing Estate, Zabbar u detentur tal-Karta ta' l-Identita' 0512574(M)

*Omissis*
*Omissis*

akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer matul ix-xahar ta' Frar, 2013 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. fit-22 ta' Frar, 2013 u/jew fil-gimghat ta' qabel, bejn is-19:30 hrs u 00:00hrs, gewwa dawn il-gzejjer ikkommettew serq ta' *cables* u oggetti ohra, liema serq huwa aggravat bil-hin u bil-valur, liema valur jammonta iktar minn elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), ghad-dannu tal-Elbros Construction Limited;

2. aktar talli fl-istess data u/jew fil-gimghat ta' qabel, f'dawn il-gzejjer xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa jew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun imdahhal biex ibieghhom jew imexxihom;

3. aktar talli fl-istess data hin lok u cirkostanzi volontarjament ikkagunaw xi hsara jew hassru jew gharrqu hwejjeg haddiehor u cioé ghamlu hsara fil-*cables*, liema hsara tiskorri l-elf, mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€ 1,164.69) ghad-dannu tal-Elbros Construction Limited;

4. talli irrendew ruħom riċedivi ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li nstabu ħatja b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

**Mario Zammit [*omissis* u *omissis*] wahdu gie akkuzat talli:**

5. fit-22 ta' Frar, 2013, ghall-habta ta' 23:30hrs ta' filghaxija, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioé delitt ta' serq aggravat ta' *cables* u affarijiet ohra, minn gewwa Plant tal-kumpanija Elbros Construction Limites, gewwa Hal-Kirkop, ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta tieghu u li kieku dan id-delitt gie esegwit kien ikun kkwalifikat bil-hin u bil-valur, li jeccedi aktar minn elfejn, tlett mija u disa' u ghoxrin Euro u sebgha' u tletin centezmu (€2329.37), ghad-dannu tal-Elbros Construction Limited

*omissis*

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputati jammettu l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u li kkonfermaw l-ammissjoni taghhom anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara: (a) li imputazzjoni mmarkata bin-numru tnejn (2) hija alternattiva ghall-imputazzjoni mmarkata bin-numru wiehed (1); (b) li imputazzjoni mmarkata bin-numru tlieta (3) tista' tigi kunsidrata bhala mezz ghall-fini tal-imputazzjoni mmarkata bin-numru wiehed (1).

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputati, il-fedina penali taghhom, l-

ammissjoni bikrija taghhom f'dawn il-proceduri, il-ko-operazzjoni taghhom mal-Pulizija u kif ukoll dak li gie dikjarat mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tallum u li gie ndikat aktar il-fuq f'din is-sentenza. Il-Qorti ser tqies l-imputazzjoni mmarkata b'numru "3" bhala mezz ghall-fini tal-imputazzjoni mmarkata bin-numru wiehed (1) u b'hekk l-imputati ser jigu moghtija l-piena ghar-reat l-iktar gravi u dana kif previst fl-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-piena fil-konfront taz-zewg imputati ser tkun wahda diversa u dana *stante* l-involviment taz-zewg imputati fir-reati addebitati lilhom u n-natura tar-reati addebitati lilhom.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, in segwitu tad-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni li imputazzjoni mmarkata b'numru "2" [cioé dik li tirrigwarda ricetazzjoni] hija alternattiva ghall-imputazzjoni mmarkata b'numru "1" [cioé dik li tirrigwarda serq], tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjoni mmarkata b'numru "2" fil-konfront taz-zewg imputati u:

- fir-rigward tal-imputat **Mario Zammit,** wara li rat Artikoli 17(h), 18, 41(1)(a), 49, 50, 261(c), 261(f), 267, 270, 289, 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Mario Zammit hati tal-imputazzjonijiet mmarkati b'numru wiehed ("1"), tlieta ("3"), erbgha ("4") u hamsa ("5") u tikkundannah ghal perijodu ta' erba' (4) snin prigunerija.

- fir-rigward tal-imputat **Brian Fenech,** wara li rat Artikoli 17(h), 18, 49, 50, 261(c), 261(f), 267, 270, 289, 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Brian Fenech hati tal-imputazzjonijiet mmarkati b'numru wiehed ("1"), tlieta ("3") u erbgha ("4") u billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat Brian Fenech taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tlitt (3) snin mil-llum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat Brian Fenech bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* jistgha jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* moghti b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Brian Fenech.

Il-Qorti taghmel rakkomandazzjoni espressa lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat Mario Zammit jinghata l-ghajnuna kollha necessarja sabiex ikun jista' jibda, isegwi u jispicca l-programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Il-Qorti tordna li *ai termini* ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------